MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

Seduta tat-28 ta' Novembru, 2011

Citazzjoni Numru. 898/2004

**Alfred Mizzi**

***Versus***

***Sullivan Maritime Limited* u *Short Med Shipping Co. Limited***

1. F’din il-kawża l-attur qiegħed ifittex għad-danni li ġarrab waqt li kien qiegħed jaħdem fuq inkariku tal-konvenuta *Sullivan Maritime Limited* [“l-Ewwel Konvenuta”] fuq il-bastiment *m.v. Malta Express* tal-konvenuta *Short Med Shipping Co. Limited* [“it-Tieni Konvenuta”].

2. L-attur fisser illi l-inċident, li seħħ fit-22 ta’ Novembru 2002, seħħ bi ħtija tal-konvenuti jew ta’ xi waħda minnhom. Billi iżda għalxejn sejħilhom biex jagħmlu tajjeb għad-danni li ġarrab, l-attur fetaħ din il-kawża u qiegħed jitlob illi l-qorti:

i. tgħid illi l-inċident seħħ bi ħtija tal-konvenuti jew ta’ xi waħda minnhom;

ii. tillikwida d-danni li ġarrab; u

iii. tikkundanna lill-konvenuti, jew lil min minnhom jaħti, iħallsu d-danni hekk likwidati flimkien mal-ispejjeż, fosthom dawk tal-ittra uffiċjali tas-16 ta' Ġunju 2003, u l-imgħaxjiet.

3. L-Ewwel Konvenuta ressqet dawn l-eċċezzjonijiet:

i. ma hijiex kontradittur leġittimu għax meta seħħ l-inċident l-eċċipjenti kienet taġixxi fil-kwalità ta' aġent jew mandatarju ta' *Grimaldi Compagnia di Navigazione s.p.a.*, li hija l-operatur jew *charterer* tal-bastiment *m.v. Malta Express* u għalhekk l-eċċipjenti f'isimha proprju ma kellha ebda relazzjoni, kuntrattwali jew xorta oħra, mal-attur, u għandha tinħeles mill-ħarsien tal-ġudizzju;

ii. f'kull każ l-inċident seħħ bi ħtija tal-attur stess u ta' sħabu li kienu miegħu meta seħħ l-inċident; u

iii. bla ħsara għall-eċċezzjoniiet l-oħra, id-danni li għalihom tista' tkun taħti l-eċċipjenti għandhom jiġu likwidati minn esperti u jkunu limitati kif igħidu l-artt. 347 *et seqq.* tal-Att dwar il-Bastimenti Merkantili [Kap. 234].

4. It-Tieni Konvenuta ressqet dawn l-eċċezzjonijiet:

i. ma hijiex kontradittur leġittimu għax meta seħħ l-inċident il-bastiment ma kienx qiegħed jitħaddem minnha iżda kien mogħti b'*charterparty* lis-soċjetà *Grimaldi Compagnia di Navigazione s.p.a.* u kien taħt il-kontroll ta' dik is-soċjetà, u għalhekk l-eċċipjenti f'isimha proprju ma kellha ebda relazzjoni, kuntrattwali jew xorta oħra, mal-attur, u għandha tinħeles mill-ħarsien tal-ġudizzju;

ii. f'kull każ l-inċident seħħ bi ħtija tal-attur stess u ta' sħabu li kienu miegħu meta seħħ l-inċident;

iii. bla ħsara għall-eċċezzjoniiet l-oħra, id-danni li għalihom tista' tkun taħti l-eċċipjenti għandhom jiġu likwidati minn esperti u jkunu limitati kif igħidu l-artt. 347 *et seqq.* tal-Att dwar il-Bastimenti Merkantili [Kap. 234].

5. L-inċident seħħ hekk: L-attur huwa ħaddiem tal-port u dakinhar tal-inċident kien qiegħed igħin biex jinħattu karrozzi minn fuq il-bastiment *m.v. Malta Express*. Il-karrozzi kienu f'livell ta' isfel u kienu jittellgħu għal-livell ta' fuq – fejn kien qiegħed l-attur flimkien ma' oħrajn – tlieta tlieta fuq *lift* magħmul minn *platform* miftuħa. Il-bokka tal-*lift*, fil-livell fejn kien jaħdem l-attur, kellha ħabel mal-ġenb

biex dak li jkun ma jersaqx qrib il-bokka meta din tkun miftuħa għax il-*lift* ikun isfel. Fuq quddiem, iżda, ma kienx hemm ħabel għax minn hemmhekk kellhom igħaddu l-karrozzi biex jinsaqu minn fuq il-*lift*. Il-ħabel ta’ mal-ġenb ikun marbut ma’ kanen tal-metall imwaħħla weqfin mal-art mal-ġenb tal-bokka. L-attur igħid illi dakinhar meta korra l-ħabel kien biss imqiegħed u mhux marbut.

6. L-attur kien miexi ’l barra mill-ħabel – *i.e.* mhux fuq in-naħa tal-*lift* – meta l-*lift* kien isfel u l-bokka għalhekk kienet miftuħa. Igħid illi żelaq fuq roqgħa żejt, waqa’ lura għal dahru, qabad mal-ħabel li iżda baqa’ nieżel miegħu għax ma kienx marbut, u waqa’ għoli ta’ sular. Kiser l-għadma tal-għarqub ta’ saqajh it-tnejn u, għalkemm dik tal-lemin fieqet, dik tax-xellug baqgħet ma feqitx għal kollox u llum, fil-fehma tal-esperti maħtura mill-qorti, għandu debilità li ma jfieqx minnha ta’ għoxrin fil-mija (20%).

7. Għandu jingħad illi, għalkemm l-attur fl-*affidavit* tiegħu jgħid illi kien “miexi barra s-*safety rope*”[1] li jfisser li kien miexi mal-ġenb, sieħbu Carmelo Said li kien miegħu meta seħħ l-inċident qal illi meta waqa’ l-attur kien fuq quddiem tal-bokka, fejn ma kienx hemm ħabel u għalhekk “ma kellux ilqugħ ma’ xiex jaqbad biex jipproteġih” għax “l-uniku ħabel jew *safety rope* li kien hemm kien fil-ġenb. Fuq quddiem però … … … ma kienx hemm”[2]. Carmelo Micallef, xhud ieħor, ukoll jgħid illi “ħabel ta’ lqugħ dakinhar tal-inċident ma kienx hemm quddiemu” iżda kompla jgħid illi l-attur meta ra li sejjer jaqa’ “qabad mal-ħabel li kien hemm fil-ġenb biex iżomm iżda dan baqa’ nieżel miegħu u ddendel miegħu”[3].

8. Għandu jingħad ukoll illi xhieda mressqa mill-konvenuti jgħidu illi l-inċident seħħ għax l-attur u sħabu kienu qegħdin jiċċajtaw u jiġru wara xulxin meta l-attur żelaq. Il-qorti iżda hija tal-fehma illi dawn ix-xhieda ma tistax toqgħod fuqhom. Il-kaptan tal-bastiment, li xehed b’*affidavit*[4] seta’ jgħid biss li dan jafu mhux għax ra b’għajnejh imma “*as I understood from the ship’s bosun*”, waqt illi x-xhud Boris Milkov, *chief mate* qal illi “*I heard*

---

[1] *Fol*. 13.
[2] *Affidavit* ta’ Carmelo Said, *fol*. 92.
[3] *Affidavit* ta’ Carmelo Micallef, *fol*. 90.
[4] *Fol*. 64.

*stevedores talking and joking loudly*"[5] iżda la jgħid jekk l-attur kienx wieħed minnhom u lanqas jekk iċ-ċajt kienx biss bil-kliem jew b'ġiri u logħob tal-idejn. Ix-xhud Edgar Cordero igħid illi ra żewġ ħaddiema jimbottaw lil xulxin u ra lil wieħed minnhom jiġri u jaqa', iżda l-istqarrija ta' dan ix-xhud[6] ma hijiex iffirmata u għalhekk ma tistax titqies bħala xiehda.

9. L-attur u sħabu jiċħdu li kien hemm dan il-logħob u ġiri u l-qorti ma tara ebda raġuni għala ma għandhiex toqgħod fuqhom.

10. Il-qorti hija wkoll tal-fehma illi ma għandhiex tagħti wisq importanza lid-diskrepanza bejn ix-xiehda tal-attur u dik ta' sħabu, jekk kienx fuq quddiem tal-bokka, fejn ma hemmx ħabel, jew mal-ġenb 'il barra mill-ħabel, meta waqa'. F'kull każ kien qrib biżżejjed tal-ħabel biex seta' jaħtfu u l-inċident seħħ kif seħħ għax il-ħabel ma kienx marbut tajjeb biżżejjed biex l-attur seta' jżomm miegħu.

11. Jidher għalhekk illi l-ħtija kienet ta' min kellu r-responsabilità li jara illi fl-ambjent tax-xogħol ma jkunx hemm perikoli li jistgħu jiġu evitati billi jittieħdu l-prekawzjonijiet meħtieġa. Is-*safety rope* tqigħed biex jagħti lqugħ, u hija ħaġa ovvja u prevedibbli illi dan l-ilqugħ ma jkun jiswa għal xejn jekk il-ħabel flok ikun marbut sew iċedi u jibqa' nieżel hekk kif jisserraħ piż miegħu. Ukoll, f'żona minnha nfisha perikoluża bħall-bokka tal-*lift* kellu jkun hemm min jara li ma jkun hemm xejn li dak li jkun jista' jitfixkel u jaqa' fih, bħal żjut u affarijiet jiġru mal-art[7].

12. Fil-fehma tal-qorti, iżda, din ir-responsabilità ma tistax titqiegħed fuq it-Tieni Konvenuta, sidt il-bastiment. Din ma kinitx tħaddem hi l-bastiment meta seħħ l-inċident għax kien mogħti b'*charterparty* lil terzi, u għalhekk ma kellhiex kontroll fuq affarijiet ta' kuljum bħal ma hu l-irbit tal-ħbula. Is-*safety rope* ma huwiex xi ħaġa permanenti għax jitqiegħed biss meta jintuża l-*lift*. Meta l-*platform* tal-*lift* tkun fuq, u għalhekk il-bokka tkun magħluqa, ma jkunx hemm ħtieġa tal-ħabel li għalhekk jitneħħa biex ma jkunx ta' tfixkil[8]. L-eċċezzjoni tat-Tieni Konvenuta li ma hijiex kontradittur leġittimu għalhekk għandha tintlaqa'.

---

5 *Fol*. 65.
6 *Fol*. 67.
7 Ara x-xiehda ta' Vincent Dimech fis-seduta tad-19 ta' Novembru 2008, *fol*. 131.
8 Ara x-xiehda ta' Joseph Buhagiar fis-seduta tad-19 ta' Novembru 2008, *fol*. 127.

13. L-Ewwel Konvenuta wkoll tgħid illi għandha tinħeles mill-ħarsien tal-ġudizzju għax hija biss aġent tal-operatur tal-bastiment u ma għandha ebda relazzjoni mal-attur.

14. Għalkemm huwa minnu illi l-Ewwel Konvenuta ma għandhiex relazzjoni kuntrattwali mal-attur ir-responsabilità tagħha ma toħroġx biss minn relazzjoni kuntrattwali. L-Ewwel Konvenuta kellha l-kontroll immedjat tal-bastiment u tal-operazzjonijiet ta' kuljum tiegħu, għallinqas sakemm kien ġewwa l-port, u kienet parti mir-responsabilità tagħha li tara illi, sakemm kellha kontroll effettiv tal-bastiment, dan jinżamm fi stat li ma jkunx ta' perikolu u, fil-każ partikolari, illi l-ħabel ta' sigurtà jkun marbut kif imiss u ma jkunx hemm żjut mal-art.

15. Min-naħa l-oħra, ma hemmx xiehda li turi xi nuqqas min-naħa tal-attur innifsu. Huwa kien liebes is-*safety gear* li kellu jilbes, u, għar-raġunijiet mogħtija fuq[9], ix-xiehda li tgħid illi kien qiegħed jiġri u jiċċajta ma hijiex waħda li tista' toqgħod fuqha.

16. Fil-fehma tal-qorti, għalhekk, l-Ewwel Konvenuta għandha twieġeb għall-inċident, u l-ewwel u t-tieni eċċezzjonijiet tagħha għandhom jiġu miċħuda.

17. Fit-tielet eċċezzjoni tagħha l-Ewwel Konvenuta tgħid illi r-responsabilità tagħha hija limitata taħt l-artt. 347 *et seqq.* tal-Att dwar il-Bastimenti Merkantili [Kap. 234]. Billi l-inċident seħħ qabel l-1 ta' Marzu 2004, kienu għadhom fis-seħħ ukoll l-artt. 349 *et seqq.* tal-Kap. 234.

18. L-art. 353(1) igħid illi "l-persuni li r-responsabbiltà tagħhom dwar bastiment hija eskluża jew limitata … … … għandhom jinkludu kull noleġġatur u kull persuna li jkollha interess fi, jew il-pussess tal-bastiment, u, b'mod partikolari, kull amministratur jew operatur tal-bastiment". L-art. 349(1), iżda, igħid illi jkun hemm tnaqqis ta' responsabbiltà biss meta l-ġrajja li biha ssir il-ħsara "ssir mingħajr ħtija jew parteċipazzjoni effettiva tagħhom". Fil-każ tallum, għalhekk, billi l-Ewwel Konvenuta kellha "parteċipazzjoni effettiva" fil-ħtija, ma tistax tinqeda bit-tnaqqis ta' responsabbiltà, u t-tielet eċċezzjoni hija miċħuda.

19. Ngħaddu issa għal-likwidazzjoni tad-danni.

9 Para. 8, *supra*.

20. L-attur ma ressaqx prova dwar *damnum emergens*. Tassew illi fin-nota ta' osservazzjonijiet tiegħu jqis it-telf ta' qligħ għaż-żmien li għamel ma jmurx għax-xogħol, bejn it-22 ta' Novembru 2002, meta korra, u t-3 ta' Jannar 2005, meta mar lura għax-xogħol, bħala *damnum emergens*, iżda dan fil-fatt huwa qligħ mitluf – *lucrum cessans* – u mhux *damnum emergens*.

21. Ngħaddu mela għal-likwidazzjoni tal-*lucrum cessans*. Din il-likwidazzjoni għandha tinqasam fi tnejn: dik għaż-żmien bejn it-22 ta' Novembru 2002 u t-3 ta' Jannar 2005 meta l-attur ma setax jaħdem u dik għaż-żmien ta' wara t-3 ta' Jannar 2005 meta reġa' lura għax-xogħol għalkemm b'debilità ta' għoxrin fil-mija (20%).

22. Matul l-ewwel żmien l-attur kellu dħul residwali ta' tnax-il elf, tmien mija u sitta u tletin lira (Lm12,836) waqt li ħaddiem ieħor bħalu li ħadem regolarment kellu dħul ta' sebgħa u erbgħin elf, mitejn u sitt liri (Lm47,206), differenza ta' erbgħa u tletin elf, tliet mija u sebgħin lira (Lm34,370)[10], jew tmenin elf u sittin euro u sitta u ħamsin ċenteżmu (€80,060.56).

23. Meta daħal lura għax-xogħol fl-2005 l-attur kellu tlieta u ħamsin (53) sena u għalhekk *multiplier* xieraq għat-tieni żmien, meta tqis ukoll in-natura tax-xogħol tiegħu, ikun ta' tmien (8) snin. Id-dħul tiegħu fl-2002 qabel ma korra kien ta' ħmistax-il elf, erba' mija u sitta u ħamsin lira (Lm15,456)[11], jew sitta u tletin elf u żewġ euro u tmenin ċenteżmu (€36,002.80). Biex tagħmel tajjeb għal-żjidiet li jistgħu jingħataw matul iż-żmien relativament qasir tal-*multiplier* il-qorti sejra taħdem fuq dħul medju ta' sebgħa u tletin elf euro (€37,000). Għalhekk meta tqis debilità ta' għoxrin fil-mija (20%) t-telf tal-attur jiġi likwidat hekk:

€37,000 × 8 × 20% = € 59,200

24. L-attur għalhekk tilef qligħ ta' tmenin elf u sittin euro u sitta u ħamsin ċenteżmu (€80,060.56) u disgħa u ħamsin elf u mitejn euro (€59,200) – b'kollox mija u disgħa u tletin elf, mitejn u sittin euro u sitta u ħamsin ċenteżmu (€139,260.56).

---

10 *Fol*. 25.

11 *Fol*. 23.

25. Billi l-ħlas sejjer isir wara li għadda tista' tgħid iż-żmien kollu tal-*multiplier* ma huwiex il-każ li jsir it-tnaqqis minħabba ħlas antiċipat ta' qligħ futur; kull benefiċċju li jista' jieħu l-attur ikun paċjut mal-imgħaxijiet li tilef sallum
26. Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti taqta' l-kawża billi tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuta *Short Med Shipping Co. Limited* u għalhekk teħlisha mill-ħarsien tal-ġudizzju; tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenuta *Sullivan Maritime Limited*, tgħid li din taħti għall-inċident, tillikwida d-danni li ġarrab l-attur bi ħtija tagħha fis-somma ta' mija u disgħa u tletin elf, mitejn u sittin euro u sitta u ħamsin ċenteżmu (€139,260.56), u tikkundanna lill-istess *Sullivan Maritime Limited* tħallas lill-attur is-somma ta' mija u disgħa u tletin elf, mitejn u sittin euro u sitta u ħamsin ċenteżmu (€139,260.56) flimkien mal-imgħaxijiet fuqha b'seħħ millum.
27. L-ispejjeż tal-konvenuta *Short Med Shipping Co. Limited* iħallashom l-attur; l-ispejjeż l-oħrajn kollha tħallashom il-konvenuta *Sullivan Maritime Limited*.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------